MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 1263/2007

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali**

**vs**

**Romina Borg**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali li permezz tieghu wara li ppremetta illi fl-24 ta’ Mejju 2007, wara rikors tal-HSBC Bank Malta plc fl-atti tas-subasta 51/2007, ordnat illi l-Perit Arkitett Valerio Schembri kellu jaccedi fuq il-post ‘Cortile di Maria’, Triq ta’ Bieb it-Torri, Msida, ghall fini ta’ deskrizzjoni u valutazzjoni tal-fond, liema access kellu jsir fil- 25 ta’ Lulju, 2007;

Illi, fis-26 ta’ Lulju 2007, il-Perit Arkitett Valerio Schembri infurma lil din l-Onorabbli Qorti li huwa mar fuq il-fond izda l-intimata irrifjutat illi taghti access lill-esponent fil-fond, minkejja ordni tal-Qorti f’dana is-sens;

Illi fit-8 ta’ Awwissu 2007, il-Qorti ordnat access iehor bl-izgass filwaqt illi ordnat lir-Registratur sabiex jibda proceduri ta’ disprezz lejn l-awtorita’ tal-Qorti kontra l-intimata.

Illi ghalhekk qieghda ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi l-attur qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Issib lil Romina Borg hatja ta’ disprezz ghall-awtorita’ taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12; u

2. Konsegwentement tikkundanna lill-istess Romina Borg ghall-pieni preskritti mill-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kontra Romina Borg li minn issa hija ngunta in subizzjoni u bit-twissija li jekk ma tidhirx hija tista’ tigi mgieghela biex twiegeb ghall-akkuzi bil-mezz ta’ mandat ta’ skorta jew ta’ arrest.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li ghalkemm debitament notifikata Romina Borg, ghazlet li ma twegibx ghall-kawza u lanqas deheret ghas-seduti fil-Qorti.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Permezz ta’ dawn il-proceduri, id-Direttur tal-Qrati Civili qed jitlob lil din il-Qorti ssib lil Romina Borg hatja ta’ disprezz ai termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12 u tikkundannaha ghall-piena relattiva.

Jirrizulta illi Romina Borg irrifjutat li taghti access lill-Perit Arkitett Valerio Schembri inkarigat biex jiddeskrivi u jistma l-fond mertu tas-subbasta. L-imsemmi Perit Schembri jikkonferma bil-gurament li sehh kollox kif deskritt fir-rikors guramentat tad-Direttur.

Ghalhekk il-Qorti tqis li dak li jsostni d-Direttur jinsab sodisfacentement pruvat u ma jibqa' ebda dubbju fil-Qorti li l-allegat tassew sehh.

*Illi l-procedura ghal disprezz ghandha natura partikolari. Hija mahsuba biex thares ir-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti. Wahda mis-setghat ewlenin ta' kull Qorti hija dik li taghti ordnijiet lil xi hadd, kemm jekk biex dik il-persuna taghmel xi haġa, jew biex dik il-persuna ma taghmilx xi haga. Il-ksur ta' kull ordni jikkostitwixxi disprezz ghall-awtorita' li, bis-sahha taghha, dik l-ordni tkun inghatat. Kif jghallem Denning: "This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt"*[1] *(Registratur tal-Qrati vs Carmelo sive Charles Ellul, Qorti Civili Prim' Awla, citazzjoni numru 92/2001/1, deciza fit-30 ta' Jannar, 2003).*

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet u ssib lil Romina Borg hatja ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti meta rrifjutat li taghti access lill-Perit Valerio Schembri ghall-fond "Cortile di Maria", Triq ta' Bieb it-Torri, Msida skont kif ordnat mill-Qorti; tikkundannaha thallas il-multa ta' tliet mija u hamsin ewro (€350) fir-Registru ta' din il-Qorti fi zmien xahrejn mil-lum u fin-nuqqas ta' tali hlas fiz-zmien moghti, l-imsemmija multa tigi konvertita fi prigunerija ta' ghaxar (10) t'ijiem.

L-ispejjez jithallsu minn Romina Borg.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lir-Registratur, Qrati Civli u Tribunali.

---

[1] ***In Re Bramblevale Limited*** (1970)

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------